MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 197/2007

**Avukat Dottor Melvyn Mifsud LLD detentur tal-karta ta' l-Identita` numru 605761 ittra (M), bhala mandatarju specjali, ghan-nom f'isem u in rappresentanza tas-socjeta` estera Hugo Boss Trade Mark Management GmbH & Co. KG .**

**vs**

**Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Victor Bugeja li b'digriet tal-21 ta' Marzu 2007 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` jew ditta estera EURO 44 S.A.R.L.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Dottor Melvyn Mifsud L.L.D., detentur tal-Karta ta' l-Identita bin-numru 605761 ittra "M", bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Hugo Boss

Trade Mark Management GmbH & Co. datat 21 ta' Frar 2007 a fol. 1 tal-process fejn gie premess;

Illi l-Avukat Dottor Melvyn Mifsud jirrapprezenta is-socjeta` estera Hugo Boss Trade Mark Management GmbH, bhalma jirrizulta mill-prokura, kopja nformi ta' l-istess, hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "MM1", fil-waqt li jirriserva li jipproduci vera kopja, waqt il-mori tal-kawza;

Illi s-socjeta` attrici estera hija maghrufa sew fid-dinja, inkluz gewwa Malta, *inter alia* in konnesjoni ma' hwejjeg/ilbies ghall-irgiel, nisa u tfal, cinturini, accessorji, ingravajjet u hwejjeg ohra u hija propjetarja ta' diversi marki (*trademarks*), li jkopru dan in-negozju vast taghha;

Illi b'hila, b'invenzjoni kif ukoll b'hafna sagrificju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta' attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fis-suq barrani u kif ukoll fis-suq Malti, in konnesjoni mal-marki (*trademarks*) taghha;

Illi in partikolari, is-socjeta` attrici ghandha rregistrata f' Malta erba' marki (*trademarks*) bin-numri tar-registrazzjoni 19324, 19325, 22360 u 22445, bhalma jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dokumenti "MM" 2,3,4,5 u 7 u dan dwar hwejjeg/ilbies ghall-irgiel, nisa u tfal, cinturini, accesorji, ingravajjet, zraben u hwejjeg ohra, fost ohrajn li jaqghu fi klassi hamsa u ghoxrin (25) tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta' Prodotti u Servizzi taht in-*Nice Agreement Concerning the International Classification of Goods and Services for the Purposes of the registration of Marks*;

Illi dwar dawn l-oggetti (fost ohrajn), is-socjeta` attrici hija *detentrici ta' dritt* ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet relevanti ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (**Kapitlu 414** ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta, biex b'hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija taht dik l-istess ligi, fl-**artikoli 2 (1) (a) (i), 4 u 8 (1)** taghha;

Illi ricentement waqt il-verifiki u skrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-**artikolu 4** ta’ l-istess **Kapitolu 414** hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* TGHU2793298, konsistenti *inter alia* f’elfejn sitt mija u erbghin (2640) gakketta (*jackets*) u elf u mitejn (1200) *suit covers* li fihom il-kliem HUGO BOSS, BOSS jew HUGO u/jew indikazzjonijiet ohrajn, liema prodotti waslu fil-*Freeport Terminal* tad-Dwana in transit ghar-rilaxx eventwali favur consignee/importatrici ndikata fuq l-istess *Bill of Lading*, bhala EURO 44 S.A.R/L. kopja ta’ l-istess *Bill of Lading* hawn anness u mmarkata Dokument “MM8” u *prima facia* deher car lill-Kontrollur tad-Dwana li kienu jikkontravenju dritt ta’ propjeta` intellettwali, bhalma jiirizulta mill-hawn anness ittra mmarkata bhala Dokument “MM8”;

Illi s-socjeta` attrici giet infurmata b’din is-sejba u wara li ezaminat wiehed minn dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontrafatti (*counterfeit*) u li ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet dwar propjeta` intellettwali, appartenenti lis-socjeta` attrici, bhalma gie hawn ipprezentat dokument relatat mir-rapprezentant taghhom lokali, immarkat bhal Dokument “MM9”;

Illi l-azzjonijiet tal-konvenuti jiksru d-disposizzjonijiet ta’ **artikolu 4 tal-Kap 414** hawn fuq imsemmi kif ukoll ta’ l-**artikoli 10 (1) u 2 (b) ta’ l-Att Dwar it-*Trademarks*** (**Kap 416**) u japplikaw ghall-kaz id-disposizzjonijiet rilevanti ta’ l-**artikoli 14 sa 19 tal-Kap 416 , 2 u 8 (1)** ta’ l-istess **Kap 414 u 76A(1)** ta’ l-**Att XXII tas-sena 2005 dwar Azzjonijiet Gudizzjarji (Mizuri Varji);**

Illi sussegwentement is-socjeta` attrici nghatat id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollur tad-Dwana u gie lis-socjeta` attrici prefiss terminu, mill-istess Kontrollur tad-Dwana sas-26 ta’ Frar 2007 sabiex tinghatalu l-prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili fil-konfront tal-konvenuti li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-mertu tal-kaz;

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f' elfejn sitt mija u erbghin (2,640) gakketta (*jackets*) u elf u mitejn (1,200) *suit covers* bil-kliem HUGO BOSS, HUGO U BOSS u ndikazzjonijiet ohrajn u li dawn l-istess oggetti msemmija jinsabu prezentament taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana, wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* TGHU2793298, kontenenti l-imsemmija oggetti, jikkontravjenu d-drittijiet ta' propjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici fir-rigward tat-*trademarks* taghha registrati f'Malta, bin-numri tar-registrazzjoni 19324, 19325, 22360 u 22445, konsistenti fi-kliem HUGO BOSS, HUGO u BOSS jew indikazzjonijiet jew *labels* simili;

2. Tiddikjara u tiddecedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-kunsenja in kwistjoni ta' gkieket (*jackets*) u *suit covers* numru TGHU2793298 da parti tal-konvenuta u li jinsabu maqbuda, wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravjeni d-dritt ta' propjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici in kwantu li ma humiex prodotti genwini jew originali skond **artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-Kap. 414** (Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Intellettwali (Mizuri Inrtakonfini) u ghaldaqstant vjolazzjoni ta' l-istess **artikolu 4** ta' l-istess **Kap. 414** u dan fil-konfront tat-*trademarks* fuq imsemmija tas-socjeta` attrici;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi mit-tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludi xi hsara lis-socjeta` attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti in kwistjoni, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenut u dan ghas-spejjez tal-konvenut, inkluz dawk tat-trasport ta'

l-imsemmija oggetti, tal-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport tal-hazna sal-lok ta' l-eventwali distruzzjoni u tad-distruzzjoni stess, skond **artikolu 8 tal-Kap 414**;

4. Tiehu kull mizura u/jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu kull mizura ohra dwar l-oggetti in kwistjoni li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuti mill-beneficcji ekonomici taghha;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Industrijali (Mizuri Intrakonfini) – **Kap 414** tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skond it-termini tar-Regolamenti tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-komfront tas-socjeta` attrici;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok. "MM1" sa Dok. "MM10" kif jidher a fol. 4 sa fol. 16 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Dr. Melvyn Mifsud *nomine* datat 21 ta' Lulju 2007 a fol. 20 tal-process fejn is-socjeta' rikorrenti talbet lill-Onorabbli Qorti joghgobha tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lid-ditta konvenuta EURO S.A.R.L. fl-atti tar-rikors fuq imsemmija u fl-atti l-ohra kollha relevanti u sussegwenti u tordna li bil-bandu tigi notifikata l-imsemmija socjeta` *CMA CGM SA.* Il-Qorti, kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Abigail Lofaro, rat id-digriet precedenti, il-bandi mahruga u r-riferta tal-Marixxall u billi ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija, innominat lill-Avukat Dr. Anthony Cutajar u lill-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi bid-digriet moghti fil-21 ta' Marzu 2007 kif jidher a fol. 17 tal-process.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh minn din il-Qorti kif hekk attwalment presjeduta ghas-seduta tat-8 ta' Mejju 2007 b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dakinhar stess

tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat li l-kuraturi deputati gew notifikati kemm bir-rikors u kif ukoll bin-noti u d-dokumenti li gew ipprezentati fil-mori.

Rat in-nota tar-rikorrenti l-Avukat Dottor Melvyn Mifsud *nomine* datata 28 ta' Marzu 2007 li biha esebixxa zewg affidavits, wiehed ta' Dr. Melvyn Mifsud (Dok. "MM11", fol.28) u l-affidavit l-iehor ta' George Agius (Dok. "MM12", fol. 29); u n-nota l-ohra datata 9 ta' April 2007 li biha pprezenta l-affidavit ta' Judith Eckl bhala rapprezentanta tas-socjeta` estera attrici (Dok "JE1").

Rat ir-risposta ta' Dr. Anthony Cutajar u l-PL Victor Bugeja bhala kuraturi deputati fejn esponew:-

1. Illi f'dan l-istadju ma humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mas-socjeta` jew ditta estera minnhom rapprezentata.

Rat il-lista tax-xhieda tal-Kuraturi Deputati a fol. 40 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-8 ta' Mejju 2007 fejn meta ssejjah ir-rikors ma deher hadd. Ir-rikors gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-28 ta' Gunju 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi s-socjeta` rikorrenti Trade Mark Management GmbH & Co. kif hawn rapprezentata f'dawn il-proceduri permezz

tar-rikors guramentat u pprezentat mir-rapprezentant taghha l-Avukat Dottor Melvyn Mifsud bhala rapprezentant tas-socjeta` estera Hugo Boss Trade Mark Management GmbH, bhalma jirrizulta mill-prokura, u li s-socjeta` attrici estera hija maghrufa sew fid-dinja, inkluz gewwa Malta, *inter alia* in konnesjoni ma’ hwejjeg/ilbies ghall-irgiel, nisa u tfal, cinturini, accessorji, ingravajjet u hwejjeg ohra u hija propjetarja ta’ diversi marki (*trademarks*), li jkopru dan in-negozju vast taghha; illi b’hila, b’invenzjoni kif ukoll b’hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fis-suq barrani u kif ukoll fis-suq Malti, in konnesjoni mal-marki (*trademarks*) taghha; in partikolari, is-socjeta attrici ghandha rregistrata f’ Malta erba’ marki (*trademarks*) bin-numri tar-registrazzjoni 19324, 19325, 22360 u 22445, bhalma jirrizulta mid-dokumenti u dan dwar hwejjeg/ilbies ghall-irgiel, nisa u tfal, cinturini, accesorji, ingravajjet, zraben u hwejjeg ohra, fost ohrajn li jaqghu fi klassi hamsa u ghoxrin (25) tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta’ Prodotti u Servizzi taht in-*Nice Agreement Concerning the International Classification of Goods and Services for the Purposes of the registration of Marks*; dwar dawn l-oggetti (fost ohrajn), is-socjeta` attrici hija *detentrici ta’ dritt* ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet relevanti ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (**Kapitlu 414** ta’ l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta, biex b’hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija taht dik l-istess ligi, fl-**artikoli 2 (1) (a) (i), 4 u 8 (1)** taghha; u ricentement waqt il-verifiki u skrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-**artikolu 4** ta’ l-istess **Kapitolu 414** hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* TGHU2793298, konsistenti *inter alia* f’elfejn sitt mija u erbghin (2,640) gakketta (*jackets*) u elf u mitejn (1,200) *suit covers* li fihom il-kliem HUGO BOSS, BOSS jew HUGO u/jew indikazzjonijiet ohrajn, liema prodotti waslu fil-*Freeport Terminal* tad-Dwana in transit ghar-rilaxx eventwali favur consignee/importatrici ndikata fuq l-istess *Bill of Lading*, bhala EURO 44 S.A.R/L. u *prima facia* deher car lill-Kontrollur tad-Dwana li kienu jikkontravenju dritt ta’ propjeta` intellettwali; is-socjeta` attrici giet

infurmata b’din is-sejba u wara li ezaminat wiehed minn dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontrafatti (*counterfeit*) u li ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet dwar propjeta` intellettwali, appartenenti lis-socjeta` attrici, bhalma gie hawn ipprezentat dokument relatat mir-rapprezentant taghhom lokali; l-azzjonijiet tal-konvenuti jiksru d-disposizzjonijiet ta’ **artikolu 4 tal-Kap 414** hawn fuq imsemmi kif ukoll ta’ l-**artikoli 10 (1) u 2 (b)** ta’ l-Att Dwar it-*Trademarks* (**Kap 416**) u japplikaw ghall-kaz id-disposizzjonijiet rilevanti ta’ l-**artikoli 14 sa 19 tal-Kap 416 , 2 u 8 (1)** ta’ l-istess **Kap 414 u 76A (1)** ta’ l-Att XXII tas-sena 2005 dwar Azzjonijiet Gudizzjarji (Mizuri Varji); sussegwentement is-socjeta` attrici nghatat id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollur tad-Dwana u gie lis-socjeta` attrici prefiss terminu, mill-istess Kontrollur tad-Dwana sas-26 ta’ Frar 2007 sabiex tinghatalu l-prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili fil-konfront tal-konvenuti li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-mertu tal-kaz; u l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjoni u l-pretensjoniet attrici gew ippruvati kemm bix-xhieda prodotta mill-Avukat Dr. Melvyn Mifsud bhala rappresentant tas-socjeta’ rikorrenti ghal dak li jirrigwarda anke l-marki u l-protezzjoni ta’ l-istess marki gewwa Malta u dan kemm permezz tar-rikors guramentat tieghu u anke permezz ta’ diversi dokumenti esebiti ma’ l-istess rikors guramentat datat 21 ta’ Frar 2007, u l-affidavit ta’ l-istess avukat datat 28 ta’ Marzu 2007, liema provi bl-ebda mod ma gew kontradetti.

Illi tali talbiet huma simili ghal dawk fis-sentenzi **“Av. Dr. David Tonna *nomine* vs Dr. Leslie Cuschieri *et nomine*”** (P.A. (LFS) – 14 ta’ April 2005) u **“Av. Dr. David Tonna *et nomine* vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*”** (P.A. (TM) – 2 ta’ Frar 2006); **“Av. Dr. David Tonna *et nomine* vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*”** (P.A. (RCP) – 28 ta’ Gunju 2006) u **“Av. Dr. David Tonna *et nomine* vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*”** (P.A. (RCP) – 1 ta’ Novembru 2006) u kif inghad l-

allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati kemm permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat ta' Dr. Melvyn Mifsud u d-dokumenti hemm annessi u wkoll l-affidavit ta' l-Ufficjal tad-Dwana George Agius tat-12 ta' Marzu 2007 (Dok. "MM12" - fol. 29) esebit b'nota datata 28 ta' Marzu 2007.

Illi fil-fatt l-istess xhud ikkonferma li l-istess konsenja kienet giet ezaminata fid-29 ta' Jannar 2007 u dan peress li kien hemm suspett li tali hwejjeg indikati fir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici setghu kienu kontrafatti u dan bi ksur tad-drittijiet tas-socjeta' rikorrenti u fil-fatt wara li saru l-verifiki necessarji mis-socjeta' rikorrenti, jirrizulta li l-Avukat Melvyn Mifsud ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti, informa lill-istess Ufficjal tad-Dwana li tali konsenja kienet fil-fatt kontrafatta kif jidher ikkonfermat mid-dokument "JE 1" u l-affidavit ta' Judith Eckl u dan a fol. 33 u 34 tal-process u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati fil-grad rikjest mill-ligi; fil-fatt l-istess allegazzjonijiet ma gew bl-ebda mod kontestati b'dan li l-erba' talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

Illi dwar il-hames talba attrici din il-Qorti thoss li ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess *stante* li fil-kaz in ezami ma hemmx bzonnha.

Illi ghalhekk hlief ghal dak li nghad dwar il-hames (5) talba attrici, t-talbiet attrici l-ohra ghandhom jigu milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' l-istess, u fil-waqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames (5) talba tar-rikorrenti s-socjeta' attrici, tilqa' t-talbiet l-ohra ta' l-istess socjeta' rikorrenti biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'elfejn sitt mija u erbghin (2,640) gakketta (*jackets*) u elf u mitejn (1,200) *suit covers* bil-kliem HUGO BOSS, HUGO U BOSS u

ndikazzjonijiet ohrajn u li dawn l-istess oggetti msemmija jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana, wara li huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* TGHU2793298, kontenenti l-imsemmija oggetti, jikkontravjenu d-drittijiet ta' propjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici fir-rigward tat-*trademarks* taghha registrati f'Malta, bin-numri tar-registrazzjoni 19324, 19325, 22360 u 22445, konsistenti fi-kliem HUGO BOSS, HUGO u BOSS jew indikazzjonijiet jew *labels* simili;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-kunsenja in kwistjoni ta' gkieket (*jackets*) u *suit covers* numru TGHU2793298 da parti tal-konvenuta u li jinsabu maqbuda, wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravjeni d-dritt ta' propjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici in kwantu li ma humiex prodotti genwini jew originali skond **artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii) u (b) tal-Kap. 414** (Att dwar Drittijiet Dwar Propjeta` Intellettwali (Mizuri Inrtakonfini) u ghaldaqstant vjolazzjoni ta' l-istess **artikolu 4** ta' l-istess **Kap. 414** u dan fil-konfront tat-*trademarks* fuq imsemmija tas-socjeta` attrici;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana fi zmien ta' ghoxrin gurnata (20) tax-xoghol mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-istess l-oggetti in kwistjoni ndikati fir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici u f'din id-decizjoni u dan minghajr ebda kumpens lill-konvenut u dan ghas-spejjez tal-konvenut, inkluz dawk tat-trasport ta' l-imsemmija oggetti, tal-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport tal-hazna sal-lok ta' l-eventwali distruzzjoni u tad-distruzzjoni stess, kollox skond **artikolu 8 tal-Kap 414**;

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu kull mizura ohra dwar l-istess oggetti in kwistjoni u dan kif permess mill-ligi sabiex effettivament icahhad lill-intimati u konvenuti minn kull beneficcju ekonomiku fuq l-istess, b'dan ukoll li l-ispejjez kollha relattivi sabiex jigu distrutti l-

istess oggetti mertu tal-kawza odjerna kif hawn deciz ikunu a karigu ta’ l-istess intimati u konvenuti.

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba peress li f’dan il-kaz ma hemmx bzonn taghha.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta’ intimata b’dan li d-drittijiet tal-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------